32003D0105

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Frar 2003

li tirrokonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossiers ippreżentati għall-eżami ddettaljat in vista tal-possibbiltà ta' l-inklużjoni ta' spiromesifen u metrafenone fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(notifikata permezz ta' dokument numru C(2003) 530)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(2003/105/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/81/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Dossier għas-sustanza attiva spiromesfen kien ippreżentat minn Bayer AG, il-Ġermanja (issa Bayer CropScience), lejn l-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-18 ta' April 2002 b'applikazzjoni ħalli jakwista l-inklużjoni tagħha fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Rigward il-metrafenone, dossier kien ippreżentat minn BASF AG, l-Belġju, lejn l-awtoritajiet tar-Renju Unit fl-4 ta' Ġunju 2002.

(3) L-awtoritajiet tar-Renju Unit indikaw lill-Kummissjoni li, fuq eżami prelimenari, id-dosiers għas-sustanzi attivi kkonċernati jidhru li jissodisfaw il-ħtiġiet tad-dettalji u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossiers ippreżentati jidhru wkoll li jissodisfaw il-ħtiġiet tad-dettalji u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' wieħed mill-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva kkonċernata. B'konformità ma l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossiers kienu sussegwentament mgħoddija mill-applikanti rispettivi lejn il-Kummissjoni u lejn l-Istati Membri l-oħrajn, u kienu referuti lejn il-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) B'din id-Deċiżjoni għandu jkun formalment ikkonfermat fil-livell tal-Komunità li d-dosiers huma meqjusa li jissodisfaw bħala prinċipju l-ħtiġiet tad-dettalji u l-informazzjoni li hemm provvediment dwarhom fl-Anness II u, għal mill-anqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, il-ħtiġiet ta' l-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dosiers li jikkonċernaw is-sustanza attiva identifikata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, li kienu ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li jakwistaw l-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, jissodisfaw bi prinċipju l-ħtiġiet tad-dettalji u l-informazzjoni kif stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE.

Id-dossiers wkoll jissodisfaw il-ħtiġiet tad-dettalji u l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' wieħed mill-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva, billi jittieħed akkont ta' l-użu pproponut.

Artikolu 2

L-Istati Membri li huma r-rapporteur għandhom isegwu l-eżaminazzjoni dettaljata dwar id-dossiers ikkonċernati u għandhom jirrapurtaw il-konklużjoni ta' l-eżamijiet tagħhom akkumpanjti b'xi rakkommandazzjonijiet dwar l-inklużjoni, jew in-nuqqas ta' inklużjoni, tas-sustanza attiva kkonċernata, fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u xi kondizzjonijiet relatati magħhom, lejn il-Kummisjoni malajr kemm jista jkun possibbli u l-aktar tard fi żmien perijodu ta' sena waħda mit-18 ta' Frar 2003.

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 276, tat-12.10.2002, p. 28.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

IS-SUSTANZI ATTIVI KKONĊERNATI B'DIN ID-DEĊIŻJONI

Nru	Isem komuni, in-numru ta' l-identifikazzjoni CIPAC	Notifikatur	Data ta' l-applikazjoni	L-Istat Membru Rapporteur
1	Spiromesifen CIPAC Nru 747	Bayer CropScience, Il-Ġermanja	18 ta' April 2002	Ir-Renju Unit
2	Metrafenone CIPAC Nru 752	BASF AG, il-Belġju	4 ta' Ġunju 2002	Ir-Renju Unit